**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 25 ta' Gunju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**-vs-**

**Hamza Mohamed Magrhrbi detentur tal-Karta tal-Identita` Maltija bin-numru 132151A**

*Kumpilazzjoni Nru. 392/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Hamza Mohamed Magrhrbi u cioe` talli:

F'dawn il-gżejjer, nhar il-25 ta' Ġunju, 2018, għall-ħabta tas-saghtejn ta' filgħodu (02:00am) fi Triq San Ġorg, San Ġiljan u/jew fil-viċinanzi :-

1. Ikkommetta serq ta' handbag li kien fih mowbajl tal-għamla Apple, 40 ewro fi flus kontanti u Visa Card tal-bank HSBC għad-detriment ta' Shannon Alicia Mc Evoy u/jew persuni oħra, liema serq hi kwalifikata bil-'valur' li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-'ħin'.

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta ***Cannabis*** kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti f'każ ta' ħtija ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat n-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali netta tal-imputat, tal-ammissjoni bikrija tieghu u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 8(d), 22(1)(a), u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (L.S.101.02), u l-artikolu 4(1)(2) tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn u ghal multa ta' €50.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**